# Stqarrija

## L-isforzi ta' BirdLife Malta biex issaħħaħ il-kapaċità ta' Malta għar-restawr tan-natura

Bejn id-19 u t-22 ta' Jannar, BirdLife Malta organizzat taħriġ ta' erbat ijiem, dwar ir-restawr tan-natura f'Malta. It-taħriġ ġab flimkien entitajiet governattivi ewlenin u għaqdiet ambjentali bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali u tinbena kollaborazzjoni bejnietom. Fost il-parteċipanti kien hemm l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma, Nature Trust, il-Park Majjistral u Friends of the Earth.

Is-sessjonijiet iffukaw fuq standards internazzjonali u prattiċi tajbin għar-restawr tan-natura. Ir-restawr tan-natura huwa proċess li jappoġġja l-irkupru ta' ekosistemi li ġew degradati, saritilhom il-ħsara jew inqerdu. Din l-inizjattiva waslet fi żmien kruċjali, wara l-adozzjoni tal-Liġi Ewropea dwar ir-Restawr tan-Natura fl-2024.

Skont din il-liġi, l-Istati Membri tal-UE jridu jissottomettu pjanijiet nazzjonali ta' restawr sa Settembru 2026. Dawn il-pjanijiet għandhom jidentifikaw żoni ta' prijorità u jistabbilixxu azzjonijiet, skedi ta' żmien, finanzjament u monitoraġġ. L-għan tal-UE huwa li jiġu restawrati minn tal-inqas 20 fil-mija tal-art u l-baħar sal-2030. Sal-2050, għandhom jiġu restawrati l-ekosistemi kollha li jeħtieġu intervent.

F'Malta, l-iżvilupp tal-Pjan Nazzjonali għar-Restawr tan-Natura qed jitmexxa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Ix-xogħol huwa kumpless, iżda joffri opportunità unika biex jiġu indirizzati ħsarat ambjentali li ilhom jeżistu. Minkejja d-densità għolja tal-popolazzjoni, il-pressjoni mit-turiżmu, l-iżvilupp eċċessiv, n-nuqqas ta' spazju, u l-klima xotta, is-siti naturali ta' Malta għandhom bżonnijiet ċari ta' restawr waqt li juru wkoll potenzjal qawwi għal proġetti ta' restawr effettivi.

It-taħriġ indirizza lakuni fl-għarfien dwar l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti tar-restawr. Dan kien immexxi minn Patrick Grillas, espert fuq l-ekoloġija tal-'wetlands' u li jirrappreżenta s-Society

for Ecological Restoration. Din hija l-organizzazzjoni ewlenija fid-dinja li tistabbilixxi standards internazzjonali għar-restawr ekoloġiku.

Waqt is-sessjonijiet, il-parteċipanti qasmu l-għarfien tagħhom u ddiskutew siti b'potenzjal ta' restawr inkluż l-isfidi u opportunitajiet prattiċi rilevanti għall-kuntest Malti.

Wara s-suċċess ta' dan it-taħriġ, BirdLife Malta tittama li din il-kollaborazzjoni bejn l-istakeholders tkompli tespandi, waqt li temfasizza wkoll l-importanza tal-involviment tal-bdiewa, sidien tal-art u sajjieda. Dan huwa fil-fatt wieħed mill-prinċipji ewlenin tar-restawr tan-natura, fejn il-parteċipazzjoni ta' kull stakeholder hija essenzjali għal restawr effettiv u sostenibbli fit-tul.

BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lill-organizzazzjonijiet kollha li pparteċipaw għall-impenn attiv tagħhom matul it-taħriġ. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li laqgħetna u ospitat is-sessjonijiet.
It-taħriġ kien iffinanzjat mill-Oak Foundation u minn BirdLife International.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/